MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1736/2003

**Hal Mann Limited**

**Vs**

**Anthony Baldacchino**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm308.47c (tlett mija u tmien liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu), bilanc minn somma akbar, rappresentanti l-valur ta' provvista u tqeghid ta' irham tat-tip Verde Guatemala u Acquamarina, liema materjal gie provdut u xoghlijiet esegwiti mis-socjeta' attrici favur il-konvenut fuq inkarigu ta' l-istess konvenut, ai termini ta' ftehim datat 29 ta' Mejju 2001.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie ppresentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lill-Dr Gabriella Vella li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm308.47c (tlett mija u tmien liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------